# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 227/2022 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Kenneth Marshall**

**Illum 10 ta' April, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Kenneth Marshall ta' 23 sena, imwieled Żabbar fis-16 ta' Novembru 1998 u residenti 63, Pink House, Triq San Ġwakkin, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 424398M li permezz tagħhom ġie akkużat talli f'dawn il-gżejjer, nhar il-31 ta' Mejju 2022, għall-ħabta tas-14:30hrs, fi Triq ir-Repubblika, Rabat Għawdex, waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota u bin-numri ta' reġistrazzjoni KLY 179:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ikkażġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kalpna Bakrania, skont kif iċċertifika Dr. Petr Lipavsky tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u dan bi ksur tal-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involotarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anjna Kotecha Karia, skont kif iċċertifika Dr. Michael Portelli tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u dan bi ksur tal-artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jyotsnaben Mistry, skont kif iċċertifika Dr. Michael Portelli tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u dan bi ksur tal-artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Kalpna Raja, skont kif iċċertifika Dr. Petr Lipavsky tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u dan bi ksur tal-artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, saq l-imsemmija vettura bil-mutur, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż, u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV 975 tal-għamla Foden a detriment ta' Grima Fuels Supplies Limited u dan bi ksur tal-artikolu 328(d) ta' Kap 9.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'każ ta' ħtija tissospendi lill-ħati minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidrilha li hu xieraq.

**Semgħet** ix-xhieda kollha prodotta;

**Rat** id-dokumenti kollha eżebiti;

**Semgħet** trattazzjoni finali;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

**Anjna Kotecha Karia** xehdet illi hija kienet riekba fin-nofs tas-seat ta' wara tal-van, b'oħtha Kalpna Raja fuq ix-xellug u l-ħabibha tagħha Kalpna Bakrania fuq il-lemin, wara s-sewwieq. Hi xehdet illi ma tiftakar xejn dwar kif seħħ l-inċident u li skont hi, kienu madwar għaxar minuti 'l boghod minn fejn ikun hemm il-vapur. Mistoqsija kif kien qiegħed isuq Kenneth Marshall, hija xehdet illi skont hi kien qiegħed isuq b'veloċità raġjonevoli, imma xi ftit veloċi. Hija ma tat l-ebda informazzjoni dwar kif kien qiegħed isuq Christian Grech, u lanqas

kienet f'pożizzjoni li tixhed dwar jekk jekk lemħitx il-vettura misjuqa minn Christian Grech qabel ma seħħ l-inċident.

**Jyotsnaben Misty** xehdet illi hi kienet riekba fis-sedil tal-passiġieri, fuq quddiem tal-van. Xehdet illi kienet qiegħda tiċċarġja l-mobile phone tagħha ma' portable battery, u f'daqqa waħda ħabtu u bdiet tara duħħan mill-bonnet ta' quddiem tal-vettura. Spjegat li hi neħħiet is-seat belt li kienet liebsa u ħarġet 'il barra mill-van. Mistoqsija dwar kif kien qiegħed isuq Kenneth Marshall matul il-ġurnata,u jekk laqtilhiex l-attenzjoni xi ħaġa li seta' għamel, hija rrispondiet li Kenneth Marshall seta' kien moħħu xi mkien ieħor jew forsi xtaq imur għal xi appuntament ieħor. Xehdet illi l-ħsieb kien li jaqbdu l-vapur lura lejn Malta tas-sagħtejn u nofs. Mistoqsija jekk qabel il-ħabta nnotatx jekk Kenneth Marshall għafasx il-breaks, jew jekk kienx hemm *sudden deceleration* tal-van, xehdet illi ma tiftakar xejn. L-istess xhud ma tat ebda informazzjoni dwar kif kien qiegħed isuq Christian Grech u mix-xhieda tagħha ma jirriżultax illi hi rat il-vettura misjuqa minn Christian Grech qabel l-inċident.

**Kalpna Raja** xehdet illi hija kienet riekba fuq wara tal-van fuq in-naħa tax-xellug. Xehdet illi ma tiftakar xejn ħlief li semgħet tisbita kbira, kollox donnu bjad, u semgħet ħġieġ jinkiser. Xehdet illi qabel l-impatt, hi ma ħassitx il-van li kienet riekba fuqu jnaqqas fil-veloċità. Hi wkoll ma tat ebda informazzjoni dwar kif kien qiegħed isuq Christian Grech, u mix-xhieda tagħha ma jirriżultax illi hi rat il-vettura misjuqa minn Christian Grech qabel l-inċident.

**Kalpna Bakrania** xehdet illi hija kienet riekba wara s-sewwieq tal-van. Spjegat illi rat vettura kbira ġejja quddiemhom u kulma qalet kien illi l-vettura kienet viċin iżżejjed, u li t-tyre kien qrib iżżejjed. Kompliet tgħid li mbagħad ħabtu mal-vettura li kienet ġejja fid-direzzjoni tagħhom. Xehdet illi kien hemm vettura pparkjata u l-vettura li bdiet gejja quddiemhom keinet tidher li kienet fil-qrib wisq. Spjegat li hija ma kinitx taf jekk il-vettura li ġiet quddiemhom kinitx qed tagħmel manuvra ta' sorpass tal-vettura l-oħra. Mistoqsija jekk Kenneth Marshall ippruvax jevita l-inċident, xehdet illi hu kwartja lejn ix-xellug. Skont hi, Kenneth Marshall naqqas il-veloċità tal-van qabel ħabtu.

Matul is-smigħ ta' din il-kawża, xehdu varji uffiċjali tal-pulizija fosthom **l-Ispettur Josef Gauci** u **PS 715 Lucian Gatt** li xehdu permezz ta' affidavit. **PS820 Jonathan J. Vella** xehed permezz ta' affidavit fejn spjega illi fil-31 ta' Mejju 2022 kien l-Għassa tar-Rabat, Għawdex u sema' bħal ħabta, u għalhekk ħareġ jittawwal fejn ra l-ħabta ftit 'l isfel mill-Għassa. Niżel fuq il-post tal-inċident u sab ix-xufier tal-bowżer Christian Grech għadu fil-vettura. Il-bowżer kien għadu startjat, u meta ntalab jitfih ma setax għax kien hemm iċ-ċavetta mqaċċta. Imbagħad xehed dwar x'għamel hu biex il-passiġiera tal-vetturi jinħarġu mill-vetturi tagħhom. Hu xehed illi Anjana Kotecha qalet li ntilfet minn sensiha u ma tiftakarx x'ġara, Kalpna Bakrania qalet illi rat l-inċident

jiġri, u s-sewwieq tal-vettura tagħhom kien qiegħed inaqqas mill-veloċità. Spjega li Kalpna Raja qalet illi kull ma rat qisu sħab madwarha. Huwa għadda biex ippreżenta skeċċ tal-ħabta, CCTV footage mid-dar numru 60, Dar il-Billi, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat u rapport tal-inċident.

**PC 1136 Nathan Joseph Cini** xehed li ħa tletin ritratt u ġabar filmat minn residenza 60, Dar il-Billi, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex.

**Vincent Grima** stqarr li hu direttur tal-kumpanija Grima Fuel Supplies li hi s-sid tat-trakk misjuq minn Christian Grech.

**Saviour Farrugia** in rappreżentanza tat-Transport Malta xehed illi vettura bin-numru DBV 975 hi reġistrata fuq Grima Fuel Supplies Limited, waqt illi vettura KLY 179 hija reġistrata fuq M Cabs Limited.

**Jonathan Mizzi** ppreżenta r-rapport tiegħu dwar il-filmat rigward l-istess inċident fejn ġie nnutat illi rigward Dok. JV2 DVR time kien 25 minuta 'il quddiem.

**Dr Mario Buttigieg** waqt li kien qed jaħdem fuq l-inkarigu assenjat lilu minn din il-Qorti, kien ukoll sema' xi xhieda, ir-riassunt ta' liema tinsab riprodotta fir-rapport ippreparat minnu.

**Dr Michael Caruana** xehed illi huwa għandu CCTV cameras mal-faċċata tad-dar bin-numru 60, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex u l-pulizija talbuh il-filmati.

**Ikkunsidrat:**

**Principji legali applikabbli**

Dwar l-obbligu tal-*proper look out,* din il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti ġurisprudenza:

Fil-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 3 ta' Lulju, 2008 (Ċitazz. Nru: 1076/05FS) fl-ismijiet **Godfrey Ciangura vs Carmen German** dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

> 'Jiġi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm "proper lookout". Fil-każ **Dr. Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar**, deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fis-6 ta' Novembru 1998, ingħad li: 'tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "a reasonable

> look-out" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli.'

Dwar in-nozzjoni tal-proper lookout jingħad fis-sentenza tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**:

> 'Ġie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs Joseph** Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm a proper lookout' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1964]).
>
> Illi fi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd** (1968), il-Qrati kienu rritenew illi: "Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Limited pro et noe vs Etienne Saliba et** ġew ampjament spjegati ż-żewġ regoli kardinali tas-sewqan, ossia li hija regola ġenerali, fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilità, li kull sewwieq irid iħares żewġ reġoli ewlenin, jiġifieri li, fl-ewwel lok, dawn għandhom jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u, fit-tieni lok, sewwieq għandu jżomm attenzjoni ("proper lookout") dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih."

Dwar sewqan perikoluż, traskurat u bla kont, din il-Qorti tagħmel referenza ghas-segwenti ġurisprudenza:

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.
>
> Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu

minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.

Sewqan perikoluż (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terżi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel.

Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa.

Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Caruana** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April, 2003 ġie ritenut hekk:

'Illi ġie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negliġenti; jew (2) bla kont jew (3) perikoluż hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. **Pol. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59; **Pul vs. Wilson**, Vol. XXXIX, p.1018; **Pul. vs. Alfred Vella**, Vol. XLIV, p. 933 u oħrajn) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom - l-agħar is-sewqan perikoluż (App. Krim. **Pol. vs. Hardingham,** 19.10.63). Illi ukoll ġie ritenut li biex jintegra ruħu ir-reat ta' sewqan perikoluż hemm bżonn ta' ċertu grad ta' "recklessness" (**App. Krim. Pol. vs. Charles Farrugia**, Vol. XXXIX, p.1018). "Recklessness" ġiet defenita bħala "wilfully shutting one's eye" (**App. Krim. "Pul vs. Joseph Aqulina**" 20.4.63)

Sewqan negliġenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri**, Vol. XLIV. p.892) Sewqan negliġenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri,** Vol. XLIV. p.892)'.

**Ikkunsidrat**

**Id-Dinamika tal-inċident**

Jirriżulta illi qabel seħħet il-ħabta bejn il-bowser misjuq minn Christian Grech u l-vettura Toyota numru ta' reġistrazzjoni KLY 179 misjuqa minn Kenneth Marshall, l-istess Marshall kien nieżel matul Triq ir-

Repubblika, ir-Rabat Għawdex, waqt illi l-bowser misjuq minn Christian Grech kien tiela' fid-direzzjoni opposta. Peress illi kien hemm vettura pparkjata ħażin mal-ġenb tal-bankina ta' Duke's Complex u quddiem ukoll l-uffiċju tal-HSBC Bank fl-istess triq, Christian Grech ipproċeda billi saq il-vettura tiegħu, ossija bowser tal-fuel lejn nofs it-triq.

Din il-Qorti fliet il-filmat li ġie eżebit in atti. Jidher li fuq il-karreġġjata li fiha kien qed isuq Christian Grech kien hemm vettura li kienet sporguta 'l barra. Infatti, din il-vettura laqtet ċitazzjoni hekk kif jirriżulta mill-atti proċesswali odjerni. Jirriżulta illi fil-mument li seħħ l-impatt, Christian Grech kien qiegħed isuq il-bowżer, bir-roti tan-naħa tal-lemin tat-trakk misjuq minnu fuq il-broken white line illi jiddelimita n-nofs tat-triq u l-karreġġjati opposti. Mill-filmat, jidher ukoll li Christian Grech kien fil-mument tal-ħabta qiegħed isuq maġenb il-vettura pparkjata ħażin.

Inoltre, mill-filmat jirrizulta wkoll li fil-karreġġjata li fiha kien qed isuq Kenneth Marshall ma kien hemm l-ebda ostakoli. Ma jidher li kien hemm l-ebda raġuni għalfejn Kenneth Marshall kien qed isuq tant qrib is-sinjal tan-nofs. Minn dak li jidher mill-filmat eżebit, għalhekk entrambi l-vetturi kienu qed jinsaqu fuq il-linja medjana u hekk saret il-ħabta. L-impatt kien wieħed kbir tant li l-vettura misjuqa minn Kenneth Marshall spiċċat ħabtet ma' vetturi oħra li kien hemm fit-triq inkwistjoni.

Din il-Qorti iżda ma għandhiex provi suffiċjenti sabiex iwassluha għal konklużjoni dwar il-velocità li biha kienu qed jinsaqu l-vetturi involuti f'din il-ħabta. L-unika osservazzjoni li sejra tagħmel din il-Qorti hija li Christian Grech kien qed isuq bowżer tal-fuel għat-telgħa mentri Kenneth Marshall kien qed isuq vettura għan-nizla u kien sejjer lejn Mġarr, Għawdex biex jiehu lill-klijenti tiegħu lura lejn Malta.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn dak li rat mill-filmat eżebit, kien hemm sewqan kemm traskurat kif ukoll perikoluż miż-żewġ naħat kif ukoll kien hemm nuqqas ta' proper lookout minn entrambi s-sewwieqa. Dan iktar u iktar meta din il-Qorti tqis li l-viżwali li kellhom entrambi s-sewwieqa kien wieħed kemxejn twil. Infatti, minħabba t-topografija ta' triq, entrambi s-sewwieqa setgħu raw lil xulxin minn distanza pjuttost twila. Kieku s-sewwieqa żammew a proper lookout u saqu b' iktar prudenza u kawtela, dan l-inċident kien jiġi evitat.

Kenneth Marshall seta' saq il-vettura tiegħu iktar lejn in-naħa tax-xellug tal-karreġġjata tiegħu minflok ma baqa' jsuq u jissikka aktar lejn is-sinjal tan-nofs. Addirittura mill-provi miġbura, jidher li eżattament qabel ma seħħ l-inċident, Marshall kien qiegħed isuq f'nofs it-triq u l-vettura tiegħu kienet iddirezzjonata lejn il-lemin għal ġol-karreġġjata opposta. L-aġir tiegħu fis-sewqan imur kontra dak li jistipola l-Highway Code u

cioe: *"157. KEEP WELL TO THE LEFT, except when you intend to overtake or turn right. Do not keep in the middle of the road. Do not cut corners."*

Din il-Qorti terġa' tirribadixxi li Kenneth Marshall kellu viżwali twila biex jara l-vettura misjuqa minn Christian Grech tiela' fuq il-karreġġjata opposta. Infatti, waħda mill-vittmi xehdet li setgħet tara l-vettura misjuqa minn Christian Grech ftit ħin qabel ma seħħet il-kolliżjoni. Lanqas ma rriżulta li Kenneth Marshall ħa xi azzjoni evażiva biex jevita l-ħabta mal-bowżer. Għal kuntrarju, minn dak li setgħet tikkonstata din il-Qorti, b'mod partikolari mir-ritratti eżebiti u mill-filmat eżebit, meta l-vettura misjuqa minn Kenneth Marshall waslet quddiem it-Teatru Aurora, Kenneth Marshall kien qiegħed isuq f'nofs il-karreġjata tax-xellug, u aktar ma beda nieżel 'l isfel lejn il-vettura misjuqa minn Christian Grech, aktar beda jersaq lejn nofs it-triq. Għalkemm il-legali ta' Kenneth Marshall iressaq l-argument fis-sottomissjonijiet finali tiegħu illi Marshall ma setax isuq aktar lejn ix-xellug, peress illi din hija l-idjaq parti ta' Triq ir-Repubblika, jirriżulta anki mill-iskizz fil-proċess, u mir-ritratti eżebiti illi l-karreġġjata li minnha kien għaddej Marshall ma kienet tidjieq fl-ebda parti tat-triq, u illi ma kien hemm ebda ostakolu li ġiegħlu jikser il-vettura li kien qiegħed isuq lejn nofs it-triq. Għalhekk, jirriżulta illi fiċ-ċirkostanzi, l-imputat ma ħa ebda azzjoni biex prova jevita l-inċident, anzi resaq aktar lejn nofs it-triq minflok ma ġenneb lejn ix-xellug. Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi, Kenneth Marshall naqas li jżomm a proper lookout u saq b'mod traskurat u bla kont.

Daparti tiegħu, Christian Grech seta' waqaf meta ra li kien ostakolu fil-karreġġjata tiegħu li kien jipprekludih milli jibqa' għaddej bid-dritt fil-karreġġjata tiegħu. Per konsegwenza, din il-Qorti tqis li entrambi s-sewwieqa u ċjoè kemm Kenneth Marshall u kif ukoll Christian Grech għandhom jinżammu responsabbli għal dan l-inċident.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tagħmel il-konstatazzjonijiet tagħha dwar il-ġrieħi sofferti mill-vittmi involuti.

Issa l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ġrieħi gravi involontarji huma bażikament tlieta u ċjoè:-

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti;

2. kkaguna ferita ta' natura gravi;

3. fuq persuna.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-Pulizija vs Richard Grech dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li ssapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta diligenza tal-kaz konkret.*"

L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tiegħu Teoria delle Obbligazione – 1127 pagna 46 jgħid:-

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta di valutazione*".

Fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru, 1990, il-Qorti daħlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawżi. In succint fuq skorta ta' awturi u ġurisprudenza, it-trepod tal-kolpa ġie definit bħala:

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

*3 la possibilita di prevedere.*

Bħala konklużjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminoloġija 'culpa', għalhekk jibqa' dejjem li l-element tagħha huwa volontarjetà tal-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibiltà ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kinux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix u li semmai tista' ġġib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali).

Il-prosekuzzjoni trid tipprova, f'każijiet bħal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' ħsieb, jew ta' traskuraġni jew li naqas li jħares xi regolamenti, f'dan il-każ, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova n-nexus bejn il-feriti gravi li ssubixxa l-vittma u t-traskuraġni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuraġni l-kawża immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li ttraskuraġni kienet culpable negligence u ċjoè li tammonta għal criminal misconduct. (vide Il-Pulizija vs Manuel Schembri deċiża nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.)

Irid jiġi determinat allura jekk l-imputat kienx ħati ta' xi nuqqas ta' ħsieb jew traskuraġni jew ta'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti.

Jirriżulta li l-feriti sofferti minn Mistry Jyotsnaben kienu jikkonsistu f'"anterior chest pain and pain both thighs. No other injury reported' u kienu 'slight (save later complications)', kif ċertifikat minn Dr Michael Portelli. Irriżulta wkoll illi l-feriti sofferti minn Raya Kalpna kienu jikkonsistu f'"facial and chest contusion' u kienu 'minor' kif ċertifikat minn Dr Petr Liparvsky, mentri l-feriti sofferti minn Anjna Kotecha Karia kienu jikkonsistu f'"neck pain and right shoulder pain and pain ant chest wall' u kienu 'slight (save later complication). Jirriżulta illi l-feriti sofferti minn Kalpna Bakrania kienu jikkonsistu fi 'fractures to lateral processus of L1-L2 vertebrae' u kienu 'grievious' kif ċertifikat minn Dr Petr Lipavsky.

Din il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija mit-Tabib Dr Peter Lipavsky, li kkonferma li huwa kien eżamina lil Kalpna Raja li kellha ġrieħi superfiċjali f'wiċċha u f'sidirha, u kellha biss 'soft tissue injury'. Reġa' kkonferma illi l-ġrieħi sofferti minnha kienu 'minor'. Dwar Kapna Bakrania spjega illi kellha ġrieħi ta' natura gravi peress illi kellha ksur fix-xewka tad-dahar 'fractures of two lumbar spine vertbrae. Xehed illi hu ma hux orthopaedic expert, però skont hu, tali ksur kienu jdumu minn erba' sa tmien ġimgħat biex ifiqu.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tat-tabib Dr. Michael Portelli li dwar il-ġrieħi sofferti minn Anjna Kotecha, ikkonferma illi din sofriet ġrieħi konsistenti fi 'bruising and tenderness anterior chest wall u neck and right shoulder pain'. Huwa ċċertifika dawn il-ġrieħi bhala ta' natura ħafifa salv komplikazzjonijiet.

Il-Qorti hija sodisfatta għalhekk li l-ewwel erba' imputazzjonijiet ġew ampjament ippruvati.

**Ikkunsidrat:**

Dwar is-sitt imputazzjoni, u ċjoè ħsara involontarja jirriżulta illi effettivament ġiet ikkaġunata ħsara fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV975 a detriment ta' Grima Fuels Supplies Limited. Din il-Qorti in vista tal-osservazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq f'din is-sentenza, sejra ssib lil Kenneth Marshall hati li kkaġuna tali ħsara involontarja.

## DECIDE

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 226(1)(b), 226(1)(c ), u 328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a) u l-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil Kenneth Marshall ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa u tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' tliet elef ewro (€3,000) kif ukoll b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta

tordna s-sospensjoni tal-liċenzja ta' sewqan għal żmien tliet xhur mil-lum li jibdew jiddekorru minn nofsillejl.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**